Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 16 – L-Erbgħa 10 ta' Settembru 2025 fis-14:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali – L-Erbgħa 10 ta' Settembru 2025 fis-14:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti :

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**16.1 Talba**

16.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

16.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

**16.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

16.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li issa li għaddiet il-festa, b'sodisfazzjon ninnotaw li l-Kunsill kien involut bil-kbir f'dawk li huma għeluq ta' toroq, tindif, kiri ta' mobile toilets u logistika oħra Huwa rrefera għall-ispiza kbira li kellna nassorbu inkonnessjoni mat-tindif u ġbir tal-iskart minħabba l-ispiża kbira tad-dumping. Fuq nota differenti iżda relatata wkoll mal-Festa, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li appena jkun lest il-proġett tal-pjazza ser ikun difficli li waqt l-ikla tal-festa jsir it-tisjir fuq il-pavimentar peress li ż-żjut itebbgħu.

16.4.2 Is-Sindku rrimarka wkoll li jixtieq jagħti Prosit lill-Ghajnsielem FC tal-mod eċċellenti u nadif li bih nżammet il-latrina tal-Pjazza f'dawn il-jiem ta' festa.

16.4.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll li għal-Hamis tal-festa naqqasna toilet fi Pjazza Indipendenza.
Minn naħa tal-Kunsill sar ringrazzjament lill-Għaqdiet, Pulizija u Direttorat tal-Indafa Pubblika għall-għajnuna u koperazzjoni sħiħa li sibna mingħandhom.

16.4.4 Din is-sena ma nġabarx skart tal-kazini u bars. Hija responsabilita' tagħhom u l-ispejjes huma kbar. Propona li s-sena d-dieħla għandna niċċargjaw lill-gabbani sabiex iħallsu fee tat-tindif u ġbir tal-iskart li jikkaġunaw.

16.4.5 Is-Sindku għamel referenza ghal fatt li mill-media ġejna nfurmati li l-Ministeru għal Għawdex ħabbar task-force fuq it-titjib u-tkabbir tal-Port tal-Imġarr. Dan huwa kompost mill-GRDA, Gozo Channel, Gozo Business Chamber u Uffiċjali mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku spjega kif iħoss li l-Kunsill għandu jkun involut. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu nitolbu li jkun hemm rappreżentanza tal-Kunsill f'dan il-Bord.

16.4.6 Is-Sindku ħabbar li minn din il-Ġimgħa żdied ħaddiem magħna taħt l-iskema Community Work Scheme u ser iservi bħala receptionist fl-uffiċċju u wkoll bħala driver tal-Mini Van.

## 16.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

16.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Debono lmenta rigward il-vandaliżmu li qed jiġi kkaġunat minn xi tfal fil-lokal b'mod speċjali f'Ta Passi. Is-Sindku wieġbu li l- Community Police huwa ntiż sew fl-infurzar ta'dawn l-inċidenti u qed jara kif jittekilja dawn is-sitwazzjonijiet anke billi avża lill-ġenituri tagħhom individwalment. Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex nitolbu għal xi ħaddiema sabiex jagħmlu manutenzjoni tal-kmamar ta' din l-istess area.

16.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Debono staqsa meta ser inħabbru r-rebbieħ ta' Ġieħ Għajnsielem. Sar qbil li għandu jithabbar il-Hadd, 14 ta' Settembru, il-gurnata ta' qabel jispiċċa l-parrokat tiegħu.

16.5.3 Il-Vici Sindku Joseph Debono reġgħa għamel talba sabiex jinbena t-torri ta' Karrew li hemm viċin l-arkata. Is-Sindku wieġeb li rridu naraw kif ser nimxu fuq art li qeghda għand xi ħadd b'ċens u nkunu rridu wkoll napplikaw għal permessi meħtieġa.

16.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar kif il-proġett tal-Playing Field jinsab wieqaf. Is-Sindku wieġeb li llum inżammet laqgħa fuq il-post. Waqt il-laqgħa sar kollegament dirett ma Joseph Borda l-contract manager.

16.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li bħala cerimonja ta Ġieh Għajnsielem issir fil knisja.

16.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca nirrestawraw il-frame u warajh isir tip ta railing baxx.

16.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa rigward il-qtuħ tas-siġar mejta fi Triq Lourdes. Is-Sindku qal li billi hemm aktar minn 10 siġriet l-applikazzjoni trid titla fil-bord il-kbir tal-ERA.

16.5.8 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab update rigward il-proġett tal-pjazza u l-agreement mal-Ministeru. Is-Sindku wieġbu li mexjin iżda peress li hemm fondi kbar involuti, l-agreement irid ftit zmien biex jigi draftjat.

16.5.9 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li ghandna nibghatu email lil Kapil-ġdid tal-Partit Nazzjonalista u nifirħulu tal-ħatra tiegħu.

16.5.10 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li għand naghmlu 'reserved parking' ghall-użu tal-Parroċċa.

16.5.11 Il-kunsillier Teddy Saliba lmenta dwar l-excessive speeding li qed isir fi Triq J F de Chambray u ssugerixxa li nitolbu ghal sleeping police. Is-Sindku propona li din il-problema nistgħu nsolvuha bil-proġett tal-bollards.

16.5.12 Il-kunsillier Teddy Saliba fakkar fuq it-talba sabiex inħarrku d- disabled parking bay u titpoġġa fuq in=naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u t-talba ser titressq lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

16.5.13 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar il-progett tal-Lattrina Pubblika tal-Imgarr. Is-Sindku wieġbu li qed nistennew li jinbeda.

16.5.14 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa wkoll dwar f'hiex wasal il-proċess tal-Local Plan Ta' Passi. Is-Sindku wieġbu li l-proċess għadu għaddej da parti tal-PA.

16.5.15 Il-kunsillier Teddy Saliba propona mill-ġdid sabiex meta tibda l-iskola nagħmlu event tal-bejgħ ta' kotba. Il-Kunsill qabel dwar dan.

16.5.16 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li għandna nifirħu lil Fr Samuel Grech li ġie maħtur bħala Suċċessur ta' Don Bosco.

### 16.6 Korrispondenza

16.6.1 Ġiet trattata korrispondenza mis-Supretendenza tal-Wirt Artna rigward it-telephone box li kienet ħdejn l-entrance tal-latrina u kellha tinqala minn postha. Din kienet zdingata, u tnehhiet biex jinqala l-arblu. Sar qbil li ghandna nikkunsidraw jekk titpoggiex fi Pjazza Indipendenza jew fi Triq J f De Chambray bejn il-kazini u tigi restawrata.

16.6.2 Giet trattata l-istedina mill-Kumitat tal-Banda nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru ghas- serata dedikata l-Mons Depiro f'ghelluq il-100 sena mill-mewt tieghu.

16.6.3 Giet trattata l-korrispondenza li l-Esplora bghatulna li ser jaghmlu app li kull post storiku jkun hemm app li jkun hemm informazzjoni.

16.6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ilmentat dwar l-ghadd kbir ta' lmenti li ghandna mizzamma tal-area Ta Passi kemm bil-lejl kif ukoll bi nhar minkejja li ghandna l-haddiema u watchmen assenjati fuq il-post.

16.6.5 Giet trattata talba ghal dogbin fi Triq Wied San Martin.

**16.7 Update dwar il-Proġetti**

16.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti kurrenti:-

**16.7.2 Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-permess huwa approvat mill-Awtorita tal-ippjanar permezz ta' DNO. (DN/00916/25). Il-proġett jinkludi pavimentar, it-taraġ, dawl u tisbiħ ieħor.
- Il-Perit se jkun qed japplika għal fondi tad-DPF mal-Awtorita tal-Ippjanar filwaqt li jiffinializza il-proċess tat-tenders.

**16.7.3 Triq Ħamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

**16.7.4 Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jsir wara s-sajf

**16.7.5 Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Qed nistennew ġuranta tal-inawgurazzjoni tal-proġett ippajant issa għal nofs Awwissu

**16.7.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Intbgħatet ittra ta' commencment notice to start works lil kuntrattur biex jkun jista jibda u jeħles fiż-żmien stipulat fit-tender. L-kuntrattu bgħat li jonqos xi xogħol ta' designs mill-Perit. Qed niġru wara il-Perit dwar dan. Sfortunatmaent, iz-zmien ghaddej b'risku li nitilfu l-fondi.

**16.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green.

**16.7.8 Bini Arkata**

- Qed nistennew responsibility form tigi sottomessa mill-Perit sabiex immexxu.

**16.7.9 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.

**16.7.10 Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Rudolph Cauchi għandu jibda ir-restawr tal-monument tal-Vittimi tal-Gwerra kif maqbul fil-laqgħat preċedenti fl-aħħar ta' Mejju.
- Għandu jigu kkunsidrat ezatt x'se jsir f'dan il-gnien minħabba l-spejjez nvoltu għaliex l-flus mill iskema mhuz bizzejed biex dan il-gnien jigi komplut u anke possibilita' li nitolbu biex dawn il-flus jigu trasferiti ghall-progett iehor tal-water catchment tal-Pjazza tad-dehra.

**16.7.11 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Għaddejin il-permessi neċessarji mal-BCA u insurance.
- Ix-xogħol mistenni jibda wara is-sajf
- Ser isir railing minn fuq ghall-isfel.

**16.7.12 Tisbiħ tat-taraġ wara il-Grand Hotel / Triq Ħamri**

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Jonathan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta li dan il-proġett jikkwalifika.

**16.8 Ħatra ta' Arcipriet ġdid**

16.8.1 Is-Sindku habbar li issa ghandna konferma li ser ikollna Arcipriet gdid, Fr Joseph Hili li uffiċjalment ser jibda fil-15 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li ghandna nibghatu email nirringrazzjaw lill-arcipriet uxxenti Frankie Bajada u nifirhu lil Arcipriet Joseph Hili u nitolbu laqgha formali mieghu. Is-Sindku habbar ukoll li t-tnejn li huma accettaw li jakkumpanjawna fil-mawra ta' Loreto.

**16.9 Attivita' Clean-up the World**

16.9.1 Saret referenza ghall-attivita' tal-Cleanup the World li ser tinzamm nhar il-Gimgha 19 t'Ottubru fil-5 ta' filghazija fl-Area ta' Passi u taht ta' Lourdes. Is-Sindku talab lil-kunsilliera sabiex jippartecipaw bi hgarhom u ghamel referenza ghall-fondi tal-iskema SPI/SCI/3/2025 li hadna l-ammont ta' €1500 ghall-ispejjes konnessi ma' din l-attivita' kif ukoll ghal kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni tal-iskart u tqassim ta' boroz ta' riciklagg. minn skema DLG. Sar qbil li ghandna ngibu upsailing inaddfu taht ta' Lourdes u nqassmu boroz tar-recycling bhala kampanja ta' nformazzjoni u nipprintjaw xi stickers informattivi.

## 16.10 Deċiżżjoni dwar il-proġett tal-Pjazza tad-Dehra

16.10.1 Saret referenza ghal-laqgha li kellna mad-Direttur tar-Road Construction rigward il-progett tal-Pjazza tad-Dehra. Is-Sindku spjega kif ghal dan il-progett minn ambjent malta ghal gwiebi li jilqghu l-ilma, pavimentar u restawr tat-tarag ta' Fuq il-Ghajn, ix-xoghol kellu jinbeda fil-bidu tas-sajf. Il-kuntrattur talab il-construction drawing u l-perit baqa ma provdihomx. Huwa spjega kif il-komunikazzjoni bejn il-partijiet kollha ma kinitx daqstant tajba. L-unika problema li qed tinkwetana hija li sa nofs Dicembru jrid ikollna c-certifikiazzjoni tal-progett lestghax inkellha ser jintilfu l-flus. Hemm hafna riskji fl-interess tal-kuntrattur u fl-interess taghna. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi u jinsisti li sa nofs Dicembru jintemm il-progett.

## 16.11 Approvazzjoni tal-Financial Statements

16.11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif minkejja r-reminders li qed tibghat lill-awdituri ghall-Financial Statements, dawn ghadhom ma kkonkludewhomx. Sar qbil li ghandna ninfurmaw lid-Direttur General tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan in-nuqqas.

## 16.12 Ġemellaġġ f'Loreto – Ottubru 2025

16.12.1 Is-Sindku rrefers ghal fatt li diga ghandna 100 persuna kkonfermata. Saret talba formali lill-Isqof ta' Loreto biex naghmlu quddiesa hemm.

16.12.2 Saret diskussjoni wkoll x'rigal ta' valur ghandna naghtu lill-Kunsill ta' Loreto f'din l-okkażżjoni. Sar qbil li ghandna naghtuhom inkwadru b'ikona ta' Ghajnsielem.

## 16.13 Quarterly Financial Report

16.13.1 Ġie preżentat u approvat il-quarterly financial report għal perijodu April 2025 sa' Ġunju 2025.

## 16.14 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem

16.14.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall- ittra li ntbaghtet lill-ghaqdiet kollha sabiex tinzamm l-ewwel laqgha nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru fil-5:15 ta' filghaxija. Huwa spjega kif jidher li hawn entuzjazmu mal-Ghaqdiet u jidher li ser ikollna aattrazzjonijiet godda. Bhala donazzjononijiet ser jiehdu hsiebhom is-Sinfonia del Sole bhas-sena l-ohra.

## 16.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti

16.15.1 Giet prezentata l-iskeda numru 146 ghall-approvazzjoni. Il-pagamenti gew approvati.

**16.16 Materji oħra**

16.16.1 Ma kienx materji ohra x'jigu approvati.

**16.17 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

16.17.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru 2025 fis-14:30pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***